StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2010**

| **Ir-Raba' Sena** | **IL-MALTI (Il-Fehim mis-Smigħ)** | **Il-Ħin: 20 minuta** |
|---|---|---|

## Il-Karta tal-Għalliema

## Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami tal-Fehim mis-Smigħ

**Ir-Riżorsi:**

**1.** It-test li jinqara.

**2.** Il-karta tal-mistoqsijiet.

**3.** Riga u lapes.

Jitqassmu l-karti bil-mistoqsijiet u t-tfal jintalbu jiktbu isimhom, kunjomhom u l-isem tal-klassi.

**L-għalliema jgħidu lill-istudenti li:**

| | | |
|---|---|---|
| **1** | ▪ Il-karta għandha tinżamm wiċċha 'l isfel.<br>▪ Ser tinqralhom l-istorja ***Pizu***.<br>▪ Għandhom jisimgħu b'attenzjoni waqt dan l-ewwel qari.<br>▪ Ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan il-qari. | **3 minuti** |
| **2** | ▪ Jaqilbu l-karta tal-mistoqsijiet wiċċha 'l fuq.<br>▪ L-għalliema jaqrawlhom għal darba l-mistoqsijiet waqt li t-tfal jaqrawhom f'qalbhom imma ma jiktbu xejn. | **3 minuti** |
| **3** | ▪ Jaqilbu l-karta tal-mistoqsijiet wiċċha 'l isfel u jisimgħu t-tieni qari tas-silta.<br>▪ Ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan it-tieni qari. | **3 minuti** |
| **4** | ▪ Għandhom jerġgħu jaqilbu l-karta wiċċha 'l fuq.<br>▪ Għandhom iwieġbu billi jagħmlu sing taħt it-tweġiba t-tajba.<br>▪ Jimmarkaw waħda biss għal kull mistoqsija. | **5 minuti** |
| **5** | ▪ Ser jinqralhom it-test għat-tielet darba.<br>▪ Jistgħu jkomplu xi mistoqsijiet li ħallew barra waqt dan it-tielet qari. | **3 minuti** |
| **6** | ▪ Jiċċekkjaw it-tweġibiet, ikomplu dawk li m'għamlux u jkunu | **3 minuti** |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

# Pizu

## *L-Ewwel Parti*

**1.** Kien is-Sibt filgħodu. Bħas-soltu Marie marret biex tqatta' tmiem il-ġimgħa għand in-nanniet tagħha li joqogħdu Ħad-Dingli. Dawn għandhom dar qalb l-għelieqi. Id-dar hija kbira u għandha wkoll ġnien daqsiex.

**2.** Marie kienet qed tgħin lin-nannu jsaqqi fil-ġnien meta minn wara s-siġra taż-żebbuġ semgħet għanja ħelwa.

**3.** Marie marret tittawwal u sabet daqsxejn ta' għasfur taħt is-siġra. Hija resqet lejh bil-ħlewwa, refgħetu, u marret turih lin-nannu. In-nannu qalilha li dan l-għasfur kien weġġa' ġwenħajh.

**4.** Marie poġġietu fuq kutra li tatha n-nanna. Iddeċidew li jpoġġuh fir-rokna tal-kċina minħabba li din hija kamra sħuna. Marie kienet tagħtih jiekol u jixrob kuljum u wara ġimagħtejn l-għasfur reġa' ġie f'tiegħu.

## *It-Tieni Parti*

**5.** L-għasfur kien ferħan mhux ftit u reġa' beda jsaffar u jgħanni. Kif rat hekk Marie ġabet gaġġa żgħira mill-kamra tal-ġnien u poġġiet l-għasfur ġo fiha. Hi xtaqet li dan l-għasfur isir tagħha għal dejjem.

**6.** Marie qalet lin-nannu tagħha li dan l-għasfur kienet se ssemmih Pizu. Kemm kien ħelu u gustuż!

**7.** Imma wara ġurnata Marie indunat li Pizu ma kienx qed jgħanni aktar. Żgur li kien għamel f'qalbu fil-gaġġa!

**8.** Hija fehmet li għasfur bħal dan qatt m'għandu jissakkar ġo gaġġa. Għalhekk fetħet il-bieba tal-gaġġa u ħalliet lil Pizu jtir. Hi u Pizu ferħu t-tnejn.

*(Adattata minn **Imwieled Liberu** ta' Theodora Fenech, **Saghtar**, April 2006)*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2010**

| Ir-Raba' Sena | IL-MALTI (Il-Fehim mis-Smigħ) | Il-Ħin: 20 minuta |
|---|---|---|

# Il-Karta tal-Istudenti

**L-isem u l-kunjom:** ______________________________

**Il-klassi:** ______________________________

| IL-MARKA |
|---|
| ____ / 15 |

**Taqlibx din il-paġna qabel ma jgħidulek l-għalliema.**

**In-numri mmarkati bi stilla * fihom 2 marki.**

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

# Pizu

**Immarka ✓ fil-kaxxa t-tajba:**

## L-Ewwel Parti

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** | Marie marret għand in-nanniet tagħha | | s-Sibt filgħodu |
| | | | s-Sibt waranofsinhar |
| | | | l-Ħadd filgħodu |
| | | | l-Ħadd waranofsinhar |
| **2.** | In-nanniet għandhom | | dar kbira u ġnien żgħir |
| | | | dar żgħira u ġnien kbir |
| | | | dar kbira u ġnien kbir |
| | | | dar żgħira u ġnien żgħir |
| **3.** | Minn wara s-siġra taż-żebbuġ Marie semgħet għasfur qed | | iqaqi |
| | | | jgħanni |
| | | | jidden |
| | | | isalli |
| **4.** | In-nannu induna li l-għasfur kien weġġa' | | saqajh |
| | | | jdejh |
| | | | dirgħajh |
| | | | ġwenħajh |
| **5.** | Poġġew l-għasfur fil-kċina minħabba li hemmhekk hemm | | is-sħana |
| | | | il-kesħa |
| | | | l-ikel |
| | | | iż-żebbuġ |
| **6. *** | "L-għasfur reġa' ġie f'tiegħu" tfisser li issa l-għasfur | | fieq |
| | | | storda |
| | | | miet |
| | | | ħarab |

www.StudentBounty.com
·Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**It-Tieni Parti**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **7.** | Marie poġġiet l-għasfur ġo gaġġa għax xtaqet li hu | | joqgħod għall-kenn |
| | | | jkompli jfiq ftit ieħor |
| | | | jsir tagħha għal dejjem |
| | | | jitgħallem jitkellem |
| | | | |
| **8.** | L-għasfur kien | | ħelu u mbaċċaċ |
| | | | ħelu u gustuż |
| | | | gustuż u bir-rix kannella |
| | | | gustuż u mbaċċaċ |
| | | | |
| **9.** | Marie indunat li l-għasfur fil-gaġġa ma kienx qed | | jiekol aktar |
| | | | jgħanni aktar |
| | | | itir aktar |
| | | | jara aktar |
| | | | |
| **10.** | Marie ddeċidiet li tiftaħ il-bieba tal-gaġġa biex Pizu | | joħroġ għal passiġġata |
| | | | jkollu ftit arja oħra |
| | | | jtir 'l hemm |
| | | | jmur s'għand in-nanniet |
| | | | |
| **11. *** | "Għamel f'qalbu" tfisser li l-għasfur | | kien imdejjaq |
| | | | kien ferħan se jtir |
| | | | għamel kuraġġ |
| | | | daħal f'qalbu |
| | | | |
| **12. *** | X'tip ta' għasfur taħseb li kien Pizu? | | ajkla |
| | | | ħamiema |
| | | | kanarin |
| | | | pappagall |
| | | | |

**- Tmiem il-Karta -**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZ
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

StudentBounty.com

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2010**

| **Ir-Raba' Sena** | **IL-MALTI (Il-Kitba)** | **Il-Ħin: Siegħa u Kwart** |
|---|---|---|

**L-isem u l-kunjom: ______________________________________ Il-klassi: ________**

| **Il-Marki** | **Il-Fehim mis-Smigħ** | **Il-Kitba** | | **IT-TOTAL** |
|---|---|---|---|---|
| | ____ 15 | ____ 85 | | ____ 100 |

**Rimarki speċjali mill-għalliema:**

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

## Għall-istudent/a

**Aqra sew dan li ġej:**

- Ikteb l-isem u l-kunjom, u l-isem tal-klassi.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ifhem sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, irrevedi l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Aqra sew l-istorja Ċajta lill-Mamà u lill-Papà**

Kien tard billejl u l-mamà u l-papà kienu diġà reqdin. Anki l-kelb tagħna Sufi kien jonħor. Imma ħija u jien konna bqajna mqajmin. Filgħodu konna ftehemna li nagħmlu ċajta lill-mamà u lill-papà. **(par. 1)**



Dħalna baxx baxx fil-kamra tagħhom. Għattejt it-tieqa b'kartonċina li fuqha kont pinġejt ix-xemx. Fl-istess ħin ħija dawwar il-ħin tal-arloġġ u tah sagħtejn 'il quddiem. B'hekk minflok l-erbgħa, issa l-arloġġ kien qed juri s-sitta. Jien u ħija morna lura fil-kamra tagħna. Hemm qgħadna nistennew il-ħin isir biex idoqq l-iżveljarin. **(par. 2)**

Fid-daqqa u l-ħin bdiet tinstema' t-twerżiqa tal-arloġġ! Il-papà u l-mamà taru minn ġos-sodda. Il-papà mar jiġri fil-kamra tal-banju biex jinħasel u jaħsel snienu. Il-mamà ġiet fil-kamra tagħna biex tqajjimna għall-iskola u tinżel tagħmlilna l-ħobż. Iżda sabitna fis-sodda tagħna mifqugħin bid-daħq! **(par. 3)**

"Biex qegħdin tidħqu?" staqsiet il-mamà b'għajnejha għadhom nofshom magħluqin bin-ngħas. **(par. 4)**

Aħna iktar dħaqna meta rajna l-papà għadu bil-leħja dieħel fil-kamra tagħna bil-bagalja u bil-kowt, diġà lest għax-xogħol. Iżda ma tantx daħqu xħin raw li l-arloġġ tal-kamra tagħna kien għadu qed jimmarka l-erbgħa ta' filgħodu! **(par. 5)**

Kif indunaw li din kienet ċajta minn tagħna, bejn titwiba u oħra l-papà qalilna: "Issa la kulħadd qam, ejjew ninżlu fil-kċina u nieħdu tazza te u żewġ gallettiniet. Hekk jew b'hekk, issa mhux se nerġgħu nidħlu fis-sodda." **(par. 6)**

Veru li din kienet ċajta, imma l-fatt li qomna iktar kmieni mis-soltu, jien u ħija stajna ngawdu iktar lill-ġenituri tagħna. Huma t-tnejn jaħdmu ħafna għalina u matul il-ġurnata ma tantx inkunu nistgħu ngħaddu ħin magħhom. **(par. 7)**

Meta sar il-ħin biex nitilqu mid-dar, Sufi stenbaħ bħas-soltu u mar jixrob il-ħalib. **(par. 8)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**A. Aqra, ifhem u wieġeb il-mistoqsijiet skont l-istorja li għadek kemm q**

**Ikteb sentenzi b'Malti tajjeb.**

**1.** X'ġara dakinhar tal-istorja? Agħżel **żewġ tweġibiet tajbin** billi timmarka ✓ fil-ka tagħhom.

- **a.** Dakinhar ħija u jien bqajna mqajmin. ☐
- **b.** Ħija u jien ftehemna li nagħmlu ċajta lill-kelb. ☐
- **ċ.** Ħija u jien ftehemna li nagħmlu ċajta lill-ġenituri tagħna. ☐
- **d.** Il-mamà u l-papà kienu baqgħu mqajmin. ☐ **(marka)**

**2.** Ikteb jekk hux **veru** jew **falz**:

| | | |
|---|---|---|
| **a.** | Jien u ħija dħalna baxx baxx fil-kamra tal-ġenituri tagħna. | ____________ |
| **b.** | Għattejt it-tieqa b'kartonċina bil-qamar impinġi fuqha. | ____________ |
| **ċ.** | Ħija dawwar l-arloġġ siegħa 'l quddiem. | ____________ |
| **d.** | Flok l-erbgħa, l-arloġġ beda juri s-sitta. | ____________ |

**(4 marki)**

**3.** Ikteb xi tfisser "**Il-papà u l-mamà <u>taru minn ġos-sodda</u>**." **(par. 3)**

____________________________________________________________ **(2 marki)**

**4.** X'mar jagħmel il-papà fil-kamra tal-banju? **(par. 3)**

____________________________________________________________ **(2 marki)**

**5.** Kif sabitna l-mamà lili u lil ħija? **(par. 3)**

____________________________________________________________ **(marka)**

**6.** Taħseb li t-tfal tal-istorja jimmissjaw lill-ġenituri tagħhom? Kif taf? **(par. 7)**

____________________________________________________________

____________________________________________________________ **(3 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**7.** Mill-istorja ***Ċajta lill-Mamà u lill-Papà*** sib **kelma waħda** li tfisser:

**a.** mhux kmieni **(par. 1)** ____________________

**b.** jagħmel il-ħsejjes bi mnieħru meta jkun rieqed **(par. 1)** ____________________

**ċ.** jum **(par. 7)** ____________________

**d.** qam mir-raqda **(par.8)** ____________________

**(4 marki)**

**8.** Din l-istorja ġrat fis-sajf jew fix-xitwa? Kif taf? **(par. 5)**

______________________________________________________________

______________________________________________________________ **(2 marki)**

**9.** Poġġi dawn is-sentenzi fl-ordni skont kif ġrat l-istorja. Agħtihom numru kif għandhom jiġu wara xulxin. L-ewwel waħda hija lesta.

| | |
|---|---|
| Il-papà daħal fil-kamra tagħna bil-bagalja. | |
| Daqq l-iżveljarin. | |
| Ħija dawwar l-arloġġ b'sagħtejn 'il quddiem. | 1 |
| Il-mamà ġiet tqajjimna. | |

**(3 marki)**

**10.** Aqta' sing taħt il-kelma **li ma taqbilx** mal-oħrajn f'kull linja. Żomm f'moħħok l-istorja li għadek kemm qrajt. L-ewwel waħda hija lesta.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **a.** | jidlam | jisbaħ | ibexbex | **jixrob** | idawwal |
| **b.** | xemx | qamar | kewkba | pjaneta | ġebla |
| **ċ.** | siegħa | ħin | minuta | logħba | sekonda |
| **d.** | kowt | kutra | ġakketta | xalla | ingwanti |

**(3 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**B. Aqta' sing taħt it-tweġiba t-tajba.**

**L-ewwel waħda hija lesta.**



**1.** Id-dar il-ġdida jisimha **(il-gardjola** ***jew*** **Il-Gardjola)**.

**2.** F'**(lulju** ***jew*** **Lulju)** li ġej se mmorru l-Italja.

**3.** Il-(**kuġina** ***jew*** **Kuġina**) tiegħi jisimha Fiona.

**4. (Jien** ***jew*** **jien)** għandi disa' snin u noqgħod Marsalforn.

**5.** Il-kelba ta' Philip jisimha **(Ċikka** ***jew*** **ċikka)**.

**6.** Għaliex mhux se tixgħel il-kompjuter **(?** ***jew*** **.)**

**(5 marki)**

**Ċ. Aqra din l-istorja u imla l-vojt skont l-għerq li għandek.**

**L-ewwel waħda hija lesta.**



**1.** Is-Sibt li għadda ħija ħareġ **(ħ-r-ġ)** mid-dar u mar għand in-nanniet.

**2.** In-nanna bi żball __________ **(q-l-b)** it-tazza tal-luminata fuqu!

**3.** Tgħidx kemm __________ **(d-ħ-q)** z-ziju Tony u z-zija Lina!

**4.** Imma bid-daħq tiegħu z-ziju Tony __________ **(x-r-q)** fl-ikel!

**5.** Imnalla dak il-ħin __________ **(w-s-l)** iz-ziju Lino li huwa tabib!

**(4 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**D. Aqra din l-istorja qasira u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**



Il-papà tiegħi **jibni d-djar** u l-mamà tiegħi hija maniġer il-bank. Meta nkunu d-dar jien u oħti daqqa noqogħdu naqraw xi **ktieb**, u daqqa noqogħdu naraw ta' *Scooby Doo* fuq it-televixin. Id-dar qatt ma nkunu waħedna għaliex ġieli jiġi n-**nannu** Frank u ġieli tiġi z-zija Charlene. In-nannu Frank għandu **60** sena. Iz-zija Charlene tgħidx kemm taf **tiżfen**!

**1. Min jibni d-djar** ngħidulu: ____________________________

**2.** Il-**plural** ta' **"ktieb"** huwa: ____________________________

**3.** Ikteb **aġġettiv** mal-kelma **ktieb**: ____________________________

**4.** Il-**femminil** ta' **"nannu"** hija: ____________________________

**5.** Ikteb **fi kliem** in-numru **60**: ____________________________

**6.** Mill-istorja sib u ikteb **nom proprju**: ____________________________

**7.** Tikteb **tiżfen** biż-**ż** għax tgħid: ____________________________

**(7 marki)**

**E. Agħżel il-kelma li l-aktar toqgħod mil-lista tal-kliem. Waħda minnhom hija żejda! L-ewwel waħda hija lesta.**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **borża** | **ċorma** | **ħalba** | **borġ** | **għanqud** | ~~**bukkett**~~ |

**1.** Gary xtara **bukkett** fjuri biex jagħtihom lil Deandra.

**2.** Malcolm kien sejjer l-iskola u f'daqqa waħda għamlet __________________ xita.

**3.** Quddiem il-bieb tad-dar xi ħadd tefa' __________________ ġebel.

**4.** Kull nhar ta' Ħadd ikun hemm __________________ tfal il-bandli.

**5.** Ġorġ xtara __________________ pastizzi.

**(4 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**F. In-nanna tiegħek trid tbigħ ħafna affarijiet li mhux qed tuża[illegible] kliem l-oġġetti u kemm għandha minnhom. L-ewwel tnejn huma lesti.**

nuċċali = 4 **erba' nuċċalijiet**

televixin = 2 **żewġ televixins**

kamera = 5 ____________________

pitazz = 7 ____________________

statwa = 3 ____________________

gaġġa = 6 ____________________

bozza = 9 ____________________




**(10 marki)**

**Ġ. Iz-zija tiegħek fetħet ħanut tal-ikel. Fil-linji t'hawn taħt ikteb riklam sabiħ bil-Malti għal dan il-ħanut, biex jidher fil-gazzetta.**

____________________

____________________

____________________

____________________



**(5 marki)**

**G. Dan it-tifel qiegħed jiġri. Ikteb sentenza biex tgħid għaliex taħseb li qed jiġri. Ikteb sentenza oħra biex tgħid fejn taħseb li se jmur.**



1. ____________________

____________________

2. ____________________

____________________

**(5 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**<u>GĦ. Uża l-immaġinazzjoni tiegħek u b’Malti sabiħ ikteb paragrafu ta’ ... gas minn GĦAXAR SENTENZI fuq WIEĦED minn dawn it-titli.</u>**

**(20 mar**

**1. Irrakkonta praspura li għamilt.**

*Meta għamiltha? Fejn kont? Ma’ min kont? X’ġara? Kif spiċċat din il-praspura?*

**2. Rajt tifel żgħir qed jegħreq.**

*Fejn kont? Meta? Min kontu? X’ġara? X’għamilt?*

**3. Immaġina li inti għasfur u ħrabt mill-gaġġa tiegħek.**

*Għand min kont? Għaliex ridt taħrab? Kif ħrabt? X’qgħadt tagħmel barra mill-ġaġġa? Issa tinsab aħjar?*

**4. Jum għeluq snini.**

*Meta jkun? X’tagħmel fih is-soltu? Ma’ min tqatta’ dan il-jum?*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**- Tmiem il-Karta -**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers